MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2113/2002

**SMS INSURANCE AGENCY LTD bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Reuben Attard**

**Vs**

**Mark Montebello**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru, 2002 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm281.44 (mitejn u wiehed u tmenin lira maltin u erbgha u erbghin centezmu) bhala danni rizultanti minn incident awtomobilistiku.**

**L-attur noe qed jitlob il-kundanna ghal rizarciment ta' danni komplessivi fl-ammont ta' Lm281.44 (mitejn u**

**wiehed u tmenin lira maltin u erbgha u erbghin centezmu) rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh f'San Giljan nhar it-13 ta' April, 2002 meta waqt il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura IAO929 habat mall-vettura JAA683 misjuqa minn Reuben Attard, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta bl-imghax legali.**

**Ra r-risposta fejn inghad li:**

**It-Talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' l-ammont ta' mitejn u wiehed u tmenin Lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm281.44) ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-konvenut, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Reuben Attard, li ghamel manuvra ta' U-turn gewwa triq principali, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.**

**Ikkonsidra:**

**Illi jirrizulta lit-Tribunal li z-zewg versjonijiet moghtija mis-sewwwieqa taz-zewg vetturi involuti fil-kollizzjoni jistghu ikunu verament verosimili.**

**Il-vettura misjuqa mill-assigurat tas-socjeta' attrici riedet tikser lejn il-lemin.  Li huwa kontestat kemm – hamsa u erbghin grad (45) jew 'a full U-turn'.  L-ewwel kisra hija premessa; it-tieni wahda inkonsiljabbli**

**ghall-ahhar. Dan hu konfermat mill-konvenut u x-xhieda okulari tieghu. Da parti tieghu, il-konvenut seta kien imprudenti meta b'certa velocita mmanuvra il-kisra u sab lill-assigurat tal-attur qed idur. Ipprova jevitah izda inutilment u di fatti halla certa distanza ta' marki ta' brejk.**

**Rinfaccjat b'dan iz-zewg versjonijiet, it-Tribunal jirrileva illi l-oneru huwa ngombranti fuq min jallega, mhux fuq min qed jinnega. L-attur irid jesercitah sa grad ta' bilanc ta' probabiltajiet. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-obbligu impost fuq l-attur ma giex esegwit mill-istess attur u ghalhekk l-azzjoni tieghu ma tistax tirnexxi.**

**Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u in vista tal-istess cirkustanzi partikolari tal-kaz kif sueposti, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------